# ĠABRA TA' TAQBILIET POPOLARI (IT-TIENI PARTI)

Guido Lanfranco

Fl-ewwel parti ta' din il-kitba (L-Imnara No.16, p.71-75), ħlief għal tliet taqbiliet tal-bidu, ippublikajt lista ta' 67 għanja popolari qosra, minn dawk li kienu jgħannu ta' qabilna, meta ma kellhomx meżżi faċli ta' mużika waqt ix-xogħol ta' kuljum. Li dehru f'dik il-ġabra, tista' tgħid li kważi kollha kienu għana dwar imħabba u l-ħanini. Kif semmejt f'dik il-ħarġa, jien sfruttajt l-okkażjonijiet li kelli fi programmi diretti, bil-*phone-ins*, l-aktar fuq l-RTK Radio, fejn inkoraġġejt lis-semmiegħa anzjani, jew min kien magħhom, biex jew jgħiduli dak li jiftakru mill-għanjiet t'ommhom jew nanthom, dirett fuq it-telefon, jew, min ma jkunx jista' jċempel waqt il-programm, jiktibhomli. L-għanjiet li urejtkom s'issa, kienu meħudin minn din il-korrespondenza li xi semmiegħa ġentilment kitbuli, u llum se nġib silta oħra mill-għana li ġbart mill-istess kitbiet. Il-quddiem ikolli okkażjonijiet fejn nippubblika f' L-Imnara jew f'biċċa xogħol aktar estensiva, għadd ġmielu ta' għana ieħor li ġbart bil-widna, li irrekordjajt u traskrivejt. Dawn l-għanjiet kollha kienu jgħannuhom l-aktar in-nisa waqt il-ħasil tal-ħwejjeġ, inxir, tisjir, ħasil jew traqqid tat-trabi u tfal, jew waqt li jirgħu il-merħla jew waqt xogħol ieħor fil-għalqa, u tballit ta' bjut. Bosta drabi kien ikun hemm min jgħanni biex jisimgħu il-ġirien, u dawn ikomplu u jwieġbu bla ma jidhru. Għadd ta' għanjiet li ġbart huma wkoll dispetti u tgħajjir, u mhux dwar il-ħanini u l-imħabba biss.

## Għana ta' Mħabba

Daqqet ta' l-orazzjoni
U anki daqqet ta' l-imwiet,
Il-ħwienet kollha għalqu
U x-xebba għadha fil-bieb (71)

Qalbi ħabbet żewġ namrati
Wieħed twil u ieħor qasir,
Wieħed għandu tmintax il-sena
U l-ieħor dieħel fil-għoxrin(72)

Ħanini jismu Duminku
Bil-lapes wara widintu
L-ewwel darba li kellimtu
Fil-festa ta' San Duminku (73)

Kelli warda ġo kappelli
Waqqgħatli u ma ħassejthiex
Ġabrithieli il-ħanina
U kif tridni ma nħobbhiex (74)

Kieku taf jien kemm inħobbok
Kieku taf x'nagħmel għalik
Li kienu l-qlub jinqalgħu
Lill-qalbi naqla'u nagħtik (75)

Qalbi naqla u naghtijhielek
Għamilha ġo gwardaroba,
Biex x'ħin tiltaqa' magħha
Tgħid dil-qalb kemm kont inħobba (76)

Ħanini twil u rqajjaq
Donnu labra ġo l-istoċċ
Kull ma jxidd kollox jixraqlu
Sal-katina ta' l-arloġġ (77)

Wiċċek wiċċ l-anġli tas-sema
Għajnejk għandek jixbħu l-tiegħi
Inħobbok għadek f'dar ommok
Aħseb u ara la tkun tiegħi (78)

Fejnek, fejnek, xejn ma rajtek
Sal-ġebel staqsejt għalik;
Staqsejt l-ommok u l-missierek
Qaluli li kont marid (79)

Ejja l-hawn la tibżgħax minni
Bil-katina ma norbtokx
Norbtok bl-għeruq ta' qalbi
U f'ħajti kollha ma nħollokx(80)

Kemm ili ma nara wiċċek
Il-bieraħ u llum jumejn
Il-ġurnata rajtha sena
U l-jumejn rajthom sentejn (81)

Mur minn hawn, mur minn quddiemi
B'għajnejja marridx narak
B'idejja marridx inmissek
Bl-għana rrid ninkuljunak (82)

Għanni, ħabiba għanni
Għidli għala ma tgħannix
F'qalbek għandek lil ħanini
U għala lili ma tgħidlix? (83)

A lilek tal-libsa bajda
Ridtu ġuvni ħadtu xiħ
Ma kellekx min jibdilulek
U kellek titqanna bih (84)

Qalbi u qalbek saru waħda
B'żigarella marbutin
Żgur il mewt trid tkun għalina
Biex tifridna minn xulxin (85)

Dawk għajnejk iħarsu lejja
Dak fommok ma jkellimnix
Donnok trid tgħidli xi ħaġa
U għall mistħija ma tgħidlix(86)

Tal-berritta mmejla mmejla
Se taqgħalek u ma taqgħax
Aqbadha u ixħetha l-baħar
Għax namrati ma baqgħax (87)

Pulizija ġera waraja
Għaldaqsxejn ma laħaqnix
Li laħaqni x'kien jagħmilli
Kalzrata ma jdaħħalnix (88)

Halluni ħa ngħanni għanja
Ha jismagħni min hu mbiegħed
Jismagħni l-maħbub ta' qalbi
U jiġi minn fejn hu qiegħed (89)

Hanini għadda minn ħdejja
U jien dlonk tfajtlu bewsa sħuna
U qalbu ġo qalbi daħlet
Bħal muftieħ ġo serratura (90)

Fil-kitarra ta' ħanini
Ġo fiha daħal ġurdien
Ma kellux min jaqbadulu
Daħħalt idi u qbadtu jien (91)

Qalb l-għoljiet qalb il-muntanji
Hanini tilef kappellu
Tilef għaxqa minn ta' qalbu
Ma jsibx ieħor bħalma kellu (92)

Pulizija ġera waraja
Għan-naqra ma laħaqnix
Li laħaqni x'kien jagħmilli
Kalzrata ma jdaħħalnix.......

......Idaħħalni l-abatija
Fl-abatija m'hemmx kastig
Hemm twieqi u purtelli
U ninnamra kemm irrid (93)

Ċlikki ċlikki iċ-ċombini
Bizzilla ma ħdimna xejn
Kemm titkessaħ dik Karmena
Meta tara l-għarus ġej (94)

Il-lejla lejlet Lapsi
Għada jisbaħ tal-quddies
Jekk jarawni ħierġa miegħek
Kemm nagħti x'jgħidu lin-nies (95)

Hanini mar u ħallini
Issa x'nagħmel biex ninkih
Insib ieħor aħjar minnu
U min quddiemu ngħaddi bih (96)

Aħsibha, ġuvni aħsibha
Mur sib xebba u għammar magħha
Dik mhix roqgħa fil-qalziet
Meta trid tista' taqlagħha (97)

Spiċċawlek il-qliezet bojod
U anke l-qliezet imgħoddija
Spiċċawlek dawk in-namuri
Li kont tagħmel kull filgħaxija (98)

Rabbi l-għaqal jaqbel lilek
La tħallix lil min jgħid bik
Għandek żewġek kwiet iż-żejjed
Qegħda tagħmel li trid bih (99)

Il-kwiekeb tas-sema l-għoli
Fil-baħar niżlu jistadu
Qaluli ħanini ikraħ
Mela għiduli s-sbiħ fejn huma
(100)

Ħriġt indur dawra mad-dinja
Ħriġt ngħajjat bil-kikkri f'idi
Min iridni le ma rridu
Min irridu qiegħed jinkini(102)

Jidirlek li int sabiħa
Mhux bħalek ikunu s-sbieħ
Ikunu bojod u ħomor
Bħal kannestru tat-tuffieħ(104)

San Ġorġ tal-liri sofor
Santa Liena tad-dulliegħ
San Ġorġ ikun fis-sakra
U Santa Liena tidħaq bih (106)

Dawk għajnejk iċ-ċelestini
Xebbaħthom mal-baħar bnazzi
Jekk iddur id-dinja kollha
Ma ssibx min iħobbok daqsi(108)

Xagħarek bjad u snienek waqgħu
Dawk saqajk niżlu fil-ħofra
Meta tara xi ġuvni sbejjaħ
Tixtieqek xebba darb' oħra (110)

La ssewwidx qalbek ħanina
Ħa jsewwidha min hu xiħ
Jagħmel rasu fuq l-imħadda
U d-dinja spiċċat għalih (112)

Kemm ili ma l-wiċċek nara
Rajtu llum ikkunsulani
Azzjonik kemm hi ħażina
Kont marid ma ġejtx tarani(114)

Qalu d-deni fik u fija
Qalu d-deni fija u fik
M'għandomx x'jgħidu għalija
U l-anqas għandhom x'jgħidu għalik
(116)

Se nagħtik il-bonasera
U anke ngħidlek *good night*
Qalbi daħlet ġewwa qalbek
Meta l-wiċċek jiena rajt (118)

Minn dit-triq għaddejt u ngħaddi
Għax f'dit-triq għandi qasrija
Jien ma nħobbx il-fjuri li tagħmel
Inħobb il-ġuvni li jsaqqiha(120)

Il-Baħar ta' Birżebbuġa
Jagħmel mewġa wara mewġa
Daqs kemm hawn xebbiet fid-dinja
X'tambiha mara miżżewġa? (101)

Iċ-ċurkett ta' subaja ċ-ċkejken
Waqagħli u ma ħassejtux,
Ġabaruli dak ħanini
Kif triduni ma nħobbux? (103)

Il-mewt mahiex merkanta
La tixtri u lanqas tbiegħ
Tieħu l-foqra u s-sinjuri
Tieħu l-koroħ u anki s-sbieħ
(105)

Jiena l-lejla ġejt ingħanni
Għal t'apposta ġejt dal ħin
Jekk int rieqed qum ismagħni
Jekk int imqajjem ħu pjaċir(107)

Ġib idejk ġewwa idejja
Tistronġini nistronġik
Dik il-qalb li għandi tħobbok
Dejjem tibki minħabba fik (109)

L-aktar gwaj li fiha d-dinja
Meta x-xebba tibda tħobb
Tagħmel ġranet ma tridx tiekol
U l-iljieli ma torqodx (111)

Ħa ngħanni għanja fil-għoli
Ħa jisma' min hu mbiegħed
Ħa jismagħni l-maħbub ta' qalbi
Ħa jiġi minn fejn hu qiegħed
(113)

Min qallek li jien nobgħodok
Min qallek li ma nħobbokx
F'qalbi kont u f'qalbi għadek
U minn qalbi ma noħorġokx (115)

Jien iż-żwieġ ma jgħoddx għalija
Jekk jiġi wieħed ma ngħidlux le
Id-dota tiegħi diġa lesta
Siġġu, mejda u kanape'(117)

Għajjruni u weġġgħuli qalbi
Għajjruni bil-mankament
Ħalli n-nies jgħidu li jridu
Ħanini bija kuntent (119)

Mort is-suq u xtrajt laringa
Kien fiha ħmistax il-felli
Inħobbu l-ħanini nħobbu
Għax aħjar minn dak li kelli
(121)

Il-laring li niekol jiena
Il-qxur naħbi taħt it-tiben
Inħobbu l-ħanini nħobbu
Għax għadu daqsxejn ta' tifel
(122)

Dak makturek u makturi
Maqtugħin minn pezza waħda
Inti ġuvni u jiena xebba
Għad niltaqgħu ġo dar waħda
(123)

Dawk għajnejk iċ-ċlestini
Xebbaħthom il-baħar bnazzi
Jekk iddur id-dinja kollha
Ma ssibx min iħobbok daqsi(124)

L-aktar gwaj li fiha d-dinja
Meta x-xebba tibda tħobb
Ġranet tagħmel bla ma tiekol
Ljieli tagħmel ma torqodx(125)

L-akbar gwaj li fiha d-dinja
Meta l-ġuvni jkollu l-ommu
Għax lix-xebba trid iżżewwiġha
Imma l-ġuvni trid iżżommu (126)

Qaluli li ġejja l-gwerra
Jien mill-gwerra ma nibżgħax
Għandi l-ħanini suldat Malti
U għal fuqi ma jisparax (127)

Ir-reġina bagħtet ittra
Li f'Malta ma tridx namur
Jiena bgħadt nirrispondiha
Tiksirx qalb il-ġuvintur (128)

Ħanini jismu Karmenu
Jien jisimni Karmelina
L-ewwel rigal li huwa tagħni
Par imsielet mandolina (129)

Ħanini jismu Karmenu
Karmenu ma nsejjaħlux
Insejjaħlu maħbub ta' qalbi
Biex il-qalbu ma niksirlux(130)

Qalbi saret spiżerija
Tbiegħ id-duwa tal-għajnejn
Jekk jiġi ħanini jixtri
La bil-flus lanqas bid-dejn
(131)

Qalbi saret mejda tonda
Fuqha jiktbu l-avukati
Biex teħodni trid tkun sbejjaħ
Biex tiżżewwiġni tkun kapaċi
(132)

Nixtrilek żarbun tal-lastku
Biex timxi u ma tagħmilx ħoss
Jekk miegħek m'għandix grazzja
Kif tridni nkellmek bilfors
(133)

Kont se nħobbok reġa' bdieli
Għedt aħjar ma nħobbok xejn
Għax inti lumija qarsa
Magħsura minn ħafna jdejn (134)

Puliz ija ġera warajja
Għal daqsxejn ma laħaqnix
Li laħaqni x'kien jagħmilli
Kalzrata ma jdaħħalnix (135)

Il-baħar jagħmilli d-deni
Il-kaless jagħmilli l-mejt
Ħa naqta' x-xewk u norqod fuqu
Biex ninsa l-dak li ħabbejt (136)

Tieħdu zopp jimxi w jaqagħlek
Tieħdu għama trid tmexxih
Tieħdu xiħ malajr imutlek
Ħudu ġuvna ħa tgawdih (137)

Mort inqerr Santa Tereża
X'tweba tagħni l-konfessur
Qalli ixxala u ddeverti
U nnamra mal-ġuvintur (138)

Kemm jidhirlek li int sabiħa
Mhux bħalek ikunu s-sbieħ
Ikunu ħomor u bojod
Bħal kannestru tat-tuffieħ
(139)

Dak ħanini kemm u sbejjaħ
Donnu labra ġo l-istoċċ
Kull ma jilbes kollox jixraqlu
Sal-katina u l-arloġġ (140)

Dak ħanini kemm hu ħelu
Imma l-uniformi ma tixraqlux
Kollox jixraqlu kull ma jilbes
immma pulizija ma rridux (141)

Din il-ġabra ta' għana popolari li tkompli mal-ħarġa ta' qabel, għalissa qed inġibhilkom mingħajr notamenti u kummenti,

ħlief għal dawk li huma referenzi. Għadd żgħir minnhom issibu li miktubin darbtejn, jew jidhru l-istess, minħabba li nġabru minn persuni differenti, għax f'din il-kitba qed jidhru skond min qagħlhomli jew kitibhomli, kif jidher fir-referenzi ta' hawn taħt. Iżda fi ħsiebi l-quddiem nippubblika xi ħaġa dwarhom.

Referenzi

L-għana li deheru f'dawn iż-żewġ ħarġiet huma riżultat tal-programmi ta' l-awtur fuq ir-radju RTK, dwar il-folklor Malti, u kienu mibgħutin minn semmiegħa. Il-quddiem nippublikaw oħrajn kemm minn dawk miġburin bil-kitba, kif ukoll b'meżżi oħra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| No.71 | sa | 91 | Mibgħutin minn Anġela Zerafa, Qormi |
| No.92 | u | 94 | Mibgħutin minn Mary Meli, Zabbar |
| No.95 | sa | 119 | Minn Melita Cutajar, B'kara fuq ġabra ta'Yvonne Abela, Mosta, li semgħathom minn għand Eva Azzopardi (1911-1987), B'kara |
| No.120 | sa | 139 | Mibgħutin minn Mary Zammit, Sliema |
| No.140 | u | 141 | Mibgħutin minn Geltrud Gerada, Ħal Luqa |

---

**Kitbiet għall-Imnara** L-editur jaċċetta kitbiet għall-Imnara, li *iridu jkunu oriġinali, u qatt ma dehru publikati band'oħra.* Għandhom ikunu riżultat ta' riċerka personali jew ta' intervisti ma' anzjani. Għandhom jintbagħtu lill-Editur, L-Imnara, 78, St. Trophimus Street, Sliema SLM 02, Malta.

**Sħubija** L-Imnara tintbgħat lill-imseħbin tal-Għaqda tal-Folklor li jkunu ħallsu s-sħubija tas-sena li għaliha tkun ħarġet. Is-sħubija hija ta' Lira fis-sena li tista' tintbgħat f'ċekk jew f'bolli (tal-5c, u mhux ta' valuri li bihom ma nistgħu nagħmlu xejn, u lanqas muniti) Lis-Sur Alfred Fenech, "Grezz", Triq id-Dirsa, Ħ'Attard, jew lis-Sur Guido Lanfranco, 78, St. Trophimus Str., Sliema, SLM 02 b-isimhom.

---

Din il-Ħarġa ta' L-Imnara hija sponsorjata mill-ġenerożita' tas-S'na Karmen Mikallef Buħaġar, li għaliha l-Għaqda tal-Folklor hija rikonoxxenti.

---